**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 3 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Numru : 1066/2012/JPG**

**Karmenu Mifsud**
**(Detentur tal-Karta tal-indentita Numru: 712557M)**

**VS**

**Onerevoli Ministru ghall-Infrasttrattura**
**Onorevoli Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali,**
**Onorevoli Ministru ghat-Turizmu, Kultura' u l-Ambjent,**
**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**
**Kunsill Lokali ta' Hal Qormi**
**u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2020, il-Qorti ordnat illi flok il-kliem 'Onorevoli Ministru ghall-Infrastruttura', jidhlu l-kliem 'Onorevoli Ministru ghall-Infrastruttura , Trasport u Komunikazzjoni', u bl-istess digriet tas-7 ta Jannar 2020, il-Qorti ordnat li jizdied il-kliem 'Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma' qabel il-kliem 'Kunsill Lokali ta' Hal Qormi'**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta' Karmenu Mifsud, datat fl-24 t' Ottubru 2012 (a fol. 1, et seq.) li taqra hekk;

1. *Illi l-esponenti jiggestixxi azjenda ta' kummissjonant u fil-fatt huwa licenzjat mill-awtoritajiet kompetenti sabiex joffri servizzi funebri, u dan tramite l-uzu ta' karrijiet ghall-garr tal-mejtin;*

2. *Illi l-esponenti jiggestixxi tali negozju minn postijiet differenti, fosthom mill-fondi 46,50 u 54 li jikkonsistu f'imhazen kbar, liema fondi huma lkoll sitwati fi Triq Pawlu Farrugia, Hal Qormi;*

3. *Illi gewwa dawn l-imhazen l-esponenti kien u ghadu jzomm ghadd sostanzjali ta' twiebet, vetturi u oggetti in konnessjoni mal-istess negozju;*

4. *Illi Triq Pawlu Farrugia tinsab parallela mal-Wied ta' Hal Qormi, u l-ilma tax-xita li jaqa' fuq din it-triq jghaddi ghall-wied minn fetha li hija inqas minn tlett (3) metri wisa', liema wied fih pont b'erba' (4) bokok wesghin madwar zewg (2) metri u gholjin madwar metru (1);*

5. *Illi f'dawn l-ahhar snin kien sar zvilupp fuq medda kbira ta' art fl-inhawi tal-wied de quo, bir-rizultat li l-ilma tax-xita ma' setghax jibqa' jinxtorob fil-hamrija, u sussegwentement beda jaqbel lejn il-wied, u f dan ir-rigward il-konvenuti jew minn minnhom ma' hadu l-ebda prekawzjoni u/jew evalwaw il-konsegwenzi ta' tali zvilupp;*

6. *Illi wkoll apparti Ii sar tali zvilupp, l-art tal-wied ma' baqghetx fl-istat originali taghha, izda din ittellghet 'l fuq u giet miksija bil-konkos, bil-konsegwenza li l-volum li kien jiehu l-wied, gie mcekken sostanzjalment u l-ilma ma' kienx qed jigi assorbit bhal qabel;*

7. *Illi dan kollu kemm -il darba kkaguna problem ta' ilmijiet sostanzjali, liema*

*problema kien ilha s-snin maghrufa sew mill-konvenuti jew minn minnhom, jigifierita d-drain bhala flood relief li tisbokka fil-wied fi Triq il-Wied, Hal-Qormi;*

8. *Illi nonostante li l-konvenuti jew minn minnhom kienu jafu bil-problema tal-ilmijiet huma naqsu milli jiehdu dawk il-passi necessarji fi Triq Pawlu Farrugia Hal Qormi, biex l-ilma tax-xita jkun jista' jkollu aktar ftuh ghal wied biex meta jsehhu maltempati, il-volum tal-ilma ma' joghliex u jaghmel herba, hsarat, u jqieghed f'riskju l-hajja tan-nies;*

9. *Illi nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru tas-sena 2010, hakem maltemp fuq pajjizna u nizlet hafna xita, tant li l-wied ma' lahhaqx mal-ilma li qaleb ghal go fih u dan kollu rrizulta f'gharghar kbar, ipprezenta periklu ghan-nies u kif ukoll halla hsarat sostanzjevolif il-proprjeta' taghhom;*

10. *Illi l-esponenti kien fost dawk milquta' mill-gharghar, u garrab eluf kbar ta' Ewro fi hsarat fil-proprjeta' tieghu kemm immobbli kif ukoll dik mobbli u dan kollu unikament minhabba irresponsabbilita', negligenza, traskuragni w imprudenza' tal-konvenuti jew minn minnhom;*

ll. *Illi din is-sitwazzioni u l-problema' tal-ilmijiet kienet a konoxxenza tal-konvenuti jew minn minnhom li dejjem baqghu nadempjenti billi naqsu li jirrimedjaw il-problema u/jew milli jiehdu dawk il-passi rimedjali u/jew dawk il-prekawzjonijiet u/jew jezegwixxu dawn ix-xogholijiet necessarji sabiex itaffu din il-problema u kif ukoll il-konsegwenzi li ggib maghha l-istess problema;*

12. *Illil-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-gharghar li sehh fil-25 ta' Ottubru 2010 fi triq Pawlu Farrugia, Hal Qormi;*

2. *Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom ihallsu lir-rikorrent id-danni hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

Rat ir-risposta guramentata tal-Konvenut Kunsill Lokali ta' Hal Qormi datat 12 ta' Novembru 2012 (a fol. 26, et seq) li taqra hekk;

1. *Illi preliminarjament u fl-ewwel lok, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi m'huwiex il-leġittimu kontradittur;*

*Eccezzjonijiet fuq il-mertu:*

2. *Illi preliminarjament, ma seħħet l-ebda maltempata fid-data indikata fit-talbiet attriċi;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċċezzjoni precedenti, jekk seħħet maltempata, din ġiet indikata fil-premessi tar-rikors ġuramentat bħala maltempata ta' natura straordinarja u għalhekk id-danni li allegatament soffra l-attur m'għandhomx jiġu mħallsa mill-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi stante l-applikabilita' tal-Artikolu 1029 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, il-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi m'għandux iwieġeb għall-ħsarat li allegatament soffra l-attur u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi l-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi m'huwiex responsabbli tas-sistema tad-drenaġġ u lanqas ma huwa responsabbli għal xi sistema oħra intiża biex tikkontrolla l-għargħar fl-inħawi tal-fond fejn allegatament seħħ dannu lill-attur;*

6. *Illi l-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi, m'huwiex responsabbli mill-Ippjanar ta' toroq u fejn isir il-bini kemm f'Ħal-Qormi kif wkoll f'zoni oħra f'Malta;*

7. *Illi t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Rat ir-risposta guramentata tal-awtorita ta Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar data 21 ta Novembru 2012 (a fol. 35 et seq.)*

1. *Preliminarjament, l-irritwalita' ta' l-azzjoni odjerna stante li ghall-intavolar taghha kienet mehtiega l-prezenza u l-adezjoni ta' mart ir-rikorrent.*

2. *Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li l-Awtorita' eccipjenti mhiex il-legittimu kondradittur u dana billi l-Awtorita' mhiex responsabbli mill-manutenzjoni u progetti ohra u konnessjoni mal-Wied ta' Hal Qormi u l-esponenti fl-ebda moment ma naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet necessarji li jaqghu taht ir-responsabbilta' taghha.*

3. *Illi qed tinghata bhala eccezzjoni distinta, u subordinatament ghal dak li inghad aktar qabel, dik tal-forza magguri ai termini ta' l-artikolu 1029 tal-Kodici Civili li Ghalhekk hija ta' ostaklu ghat-talba attrici stante illi meta hsara ssir konsegwenza ta' forza magguri, id-dannu konsegwenzjali ghandu jbatih is-sid.*

4. *Illi l-attur irid jiddikjara u jressaq prova dwar liema huwa l-izvilupp li sar fl-inhawi tal wied ta' Hal Qormi li allegatament ikkagun danni u hsarat fil-proprjeta' tar-rikorrent. L-Awtorita' intimate tirriserva li tressaq risposta ulterjuri wara li r-rikorrent jindika fuq pranta liema huwa l-izvilupp mertu tal-vertenza odjerna stanta illi ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tali zvilupp fir-rikors guramentat.*

5. *Illi l-involviment tal-Awtorita' intimate fil-kaz tal-Wied ta' Hal Qormi kien jirrigwarda tfassil u approvazzjoni tal-Pjan Lokali li gie approvat nhar it-3 ta' Awissu 2006 li pprovda dwar il-kundizzjonijiet li ghandhom jigu osservati qabel ma jsir zvilupp fl-inhawi tal-wied de quo.*

6. *Illi l-Pjan Lokali (kopja annessa u markata bhala Dokument 'A') iddefinixxa l-extent tal-water course li jipprojibixxi zvilupp ta' bini sabiex ma jigix ostakolat il-flow of storm water. Illi l-Awtorita' intimate f'kull kaz hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji f'kull zvilupp li sar fl-inhawi tal-Wied billi applikat il-policies rilevanti.*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jressaq prova tat-titolu tieghu dwar il-proprjeta' li allegatament sofriet danni konsegwenza tal-gharghar li sehh fil-25 ta' Ottubru li Triq Pawlu Farrugia, Hal Qormi kif ukoll prova dwar id-danni allegatament sofferti minnu. Fl-eventwalita' li ma ssirx tali prova, l-Awtorita' intimate qieghda minn issa stess tressaq l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku.*

8. *Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrieh.*

Rat ir-risposta 'Risposta guramentata tal-intimati Onorevoli Ministru ghal-Infrastruttura Transport u Komunikazzjoni; Onorevoli Ministru ghar-Risorsi u Affarijiet Rurali; Onorevoli Ministru ghat-Turismu Kultura u Ambjent' datata 21 ta Novembru 2012 (a fol. 43 et seq.)

A. *In kwantu ghall-Eccezzjonijiet*

1. *Preliminarjament illi l-konvenuti l-Onorevoli Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, l-Onorevoli Ministru ghar-Risorsi u Affarijiet Rurali; u l-Onorevoli Ministru ghat-Turizmu, Kultura u l-Ambjent mhumiex il-legittimi kuntradittturi u dan il termini ta' l-artikolu 181B (1) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*
2. *Illi l-konvenuti eccipjenti jirrespringu t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront taghhom bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza, stante li l-esponenti mhumiex responsabbli ghall-maltempata li hakmet il-gzejjer Maltin fil-25 t'Ottubru, 2010.*

3. *Illi dakinhar tal-25 t'Ottubru, 2010, nizlet xita straodinarja li kienet ikkawzat diversi ncidenti ta' gharghar madwar Malta, fosthom f'Hal Qormi, izda l-esponenti ma*

*jistghux iwiegbu ghall-hsara kkawzata minn tali gharghar bill huma ma jirrispondux ghal danni kkagunati minn kaz fortuwitu jew forza magguri u ghalhekk ma jwegbux ghad-danni li huma ma kellhom ebda kontribut ghalihom u konsegwentement lanqas m'ghandhom ibaghtu l-ispejjez.*

4. *Illi imkien mic-citazzjoni jew mid-dikjarazzjoni attrici ma jirrizulta illi hemm xi allegat illi ghalih jirrispondu l-konvenuti eccipjenti.*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri*

*Rat ir-risposta guramentata tal-intimata Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma datata 4 ta Dicembru 2012 (a fol. 50 et seq.)*

*Tesponi bir-rispett u l-Avukat Peter Fenech, detentur tal-karta tal-identita' numru 67468M in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kif debitament awtorizzat, bil-gurament tieghu jikkonferma –*

*Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent ghas-segwenti ragunijiet –*

1. *Li in linea preliminari, il-Korporazzjoni intimata mhijiex il-legittima kontradittrici u dan billi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma mhijiex l-entita' responsabbli (a) ghall-izvilupp u/jew manutenzjoni tal-widien, inkluz il-wied ta' Hal Qormi; (b) ghall-izvilupp u/jew manutenzjoni tal-gandotti fit-toroq, inkluz dawk ta' Hal Qormi; (c) ghall-amministrazzjoni tal-ilma tax-xita;*

2. *Li minghajr pregudizzju ghas-suespost u in subordinazzjoni ghall-istess, fi kwalunkwe kaz, il-Korporazzjoni esponenti qatt ma tista' tinstab responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent fil-25 ta' Ottobru 2010, liema danni ma gewx ikkagunati minnha;*
3. *Li fit-tielet lok, id-danni allegatament sofferti mir-rikorrent irrizultaw solitament minn forza magguri li ghaliha mhijiex u m'ghandhiex tissejjah bhala responsabbli l-*

*Korporazzjoni esponenti, u dan a tenur tal-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Li finalment u minghajr pregudizzju ghas-supremess, il-Korporazzjoni esponenti mhijiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent ghaliex hi u l-impjegati taghha ma agixxewx b'negligenza fil-qadi ta' dmirijiethom, u dan skond l-Artikolu 21 tal-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, Kapitolu 355 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant il-Korporazzjoni esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tirrespingi t-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontrih.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat in-nota tac-cessjoni pprezentata mir-rikorrenti fit-3 ta Novmbru 2016 fir-rigward tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma;

Semghet it-trattazzjoni fuq l-eccezzjonijiet preliminari mid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkonidrat;**

**Kenneth Brincat** xehed a fol 65 – 68 illi huwa s-Segretarju Esekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi u ilu jokkupa din il-kariga mill-1 ta' April 2012, izda xorta wahda jaf bil-minuti datati 9 ta' Novembru 2010 ezebiti a fol 59. Spjega illi l-widien m'humiex parti mill-affarijiet li jaqghu taht ir-responsabbilita tal-Kunsill Lokali, u lanqas ma jaqghu taht ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali xogholijiet jew progetti relatati ma *water ways* jew ma *storm water relief*. Zied illi l-Kunsill Lokali lanqas ma huwa involut fil-hrug ta' permessi ta' ippjanar peress illi dan huwa kompitu tal-MEPA.

Xehed ukoll illi mhux it-toroq kollha li ssemmew mir-rikorrent jaqaw taht ir-responsabbilita tal-Kunsill Lokali ghat-tindif. Indika it-toroq li jaqghu taht ir-responsabbilita tal-Kunsill Lokali ghat-tindif, u ghalhekk fil-waqt illi Triq Correa u Triq Pawlu Farrugia jaqghu taht ir-

responsabbilita tal-Kunsill Lokali, Wied is-Sewda, Wied il-Kbir u l-parti ta' Triq il-Wied li qieghed fil-korsija tal-wied ma jaqghux taht ir-responsibilita tal-Kunsill Lokali. Kompla pero illi nonostante dan meta jkun hemm gharar il-Kunsill Lokali ma joqghodx jistenna lill-gvern biex imur jaghmel it-tindif, izda johrog il-flus biex it-tindif isir kemm jista' jkun malajr halli jitnaqqas l-inkonvenjent ghan-nies, u dan nonostante l-fatt illi m'hemmx flus allokati ghal dan it-tip ta' tindif.

**In kontro ezami** a fol 68 ikkonferma illi is-somma ta' tlett elef ewro msemmija fil-minuti ghat-tindif kienu hargu minghand il-Kunsill Lokali.

**Oliver Magro, rapprezentant tal-ufficju legali tal-MEPA,** xehed a fol 90 B – 90 E illi l-MEPA m'hijiex l-entita responsabbli ghaz-zamma u manutenzjoni tal-wied u *flood relief system* u fir-rigward tal-*flood relief system* l-unika haga li kienet dahlet fiha l-MEPA kienet fl-iprocessar ta' applikazzjonijiet li dahlu ghandha. Spjega li l-policy CG30[1] tghid illi l-MEPA m'ghandiex tohrog permessi fl-area indikata bl-ahmar fuq id-dokument OM1 a fol 94, u cioe l-mappa li tindika l-wied bhala *valley water course area*, u dan proprju biex titnaqqas il-possibilita li jkun hemm gharar fil-wied. Din il-policy tipprovdi wkoll illi l-MEPA ma tistghax tohrog permess f'din iz-zona jekk ma ggibx *clearance* mic-Civil Protection Department.

Fir-rigward tal-process biex tigi stabbilita il-*flood relief system* spjega illi l-MEPA ghamlet konsultazzjoni mal-pubbliku u mal-entitajiet ikkoncernati kollha. Jekk jigi mfassal ftehim, imbaghad, dan il-ftehim jigi rakkomandat lil Ministru biex imbaghad japprova il-pjan lokali. Zied li f'dan il-process il-MEPA tkun speci ta' 'consultee' ghaliex id-decizjoni ahharija m'hijiex tal-MEPA izda tal-Ministru.

Fir-rigward tal-applikazzjoni, spjega illi l-funzjoni tal-MEPA hija illi tezamina dawn l-applikazzjonijiet wara li taghmel konsultazzjonijiet mal-pubbliku u mal-entitajiet koncernati, tasal ghal rakkomandazzjoni, imbaghad il-Board jiddeciedi jekk japprovax l-applikazzjoni jew le. Zied illi f'dan il-kaz, il-MEPA approvat tliet permessi u wiehed minnhom inghata propju biex inaqqas risku li jkun hemm gharar.

1 Fol 37.

**Fir-rigward tad-dokument immarkat OM2 ikkonferma illi dan id-dokument sar mid-Direttur Generali tas-Services Division tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali.**

**In kontro-ezami** a fol 289 – 294 u 296 - 297 ikkonferma illi kienet saret konsultazzjoni mal-pubbliku fir-rigward tal-*flood relief project.* Spjega illi dak li ghamlet il-MEPA kien illi waslet bi proposta quddiem il-Parliament wara l-istadju tal-konsultazzjonijiet. Din il-proposta imbaghad giet diskussa fil-Parliament u d-decizjoni ahharija kienet tal-Ministru. **Huwa ikkonferma li kien il-Ministru li iffirma l-proposti approvati tal-pjan lokali u dan f'Lulju 2006.**

Huwa prezenta wkoll ir-rapprezentazjonijiet li saru minn nies waqt il-process tal-konsultazzjoni pubblika (Dok OMX1 a fol 298 *et seq.*). Spjega illi dak kontenut fl-ahhar kolonna kien gie inkorporat fil-*policy* li hemm indikata fl-ahhar kolonna stess.

**Ikkonsidrat;**

**L-intimati kollha eccepew illi huma m'humiex il-legittimi kontradditturi f'dan il-kaz.**

Fir-rigward tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi, wara li semghat ix-xhieda ta' Kenneth Brincat u rat l-Artikolu 33 (1) u (2) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi x'inhuma l-funzjonijiet ta' Kunsill Lokali, hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi hija fondata u l-istess Kunsill Lokali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fir-rigward tal-MEPA jirrizulta illi l-Awtorita kellha rwol estensiv u ta' importanza konsiderevoli fil-*flood relief project*, tant illi kienet l-Awtorita li resqet quddiem il-Parliament il-proposti li imbagad gew approvati mill-Ministru.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Vanna Arrigo et vs Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar et** deciza fis-17 ta' Ottubru 2016, din il-Qorti kienet cahdet l-eccezzjoni tal-MEPA illi ma kienetx il-legittimu kontradittur f'dik l-azzjoni, u spjegat id-decizjoni taghha b'dan il-mod:

> "[f]*ir-rigward tal-Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar, jirrizulta mill-affidavit tal-Perit Frans Mallia, illi l-Awtorita ntimata*

*kellha rwol estensiv u sostanzjali fl-ezercizzju meritu ta' din l-azzjoni, tant illi kienet responsabbli sabiex tirrakomanda jekk sit partikolari kellux jigi inkluz fl-abbozz finali, u d-dokument finali bil-posizzjoni tal-MEPA kien gie sottomess lill-Parlament...*

(...)

*Ghalhekk huwa car illi ghalkemm id-decizjoni finali ma kienetx tal-Awtorita, l-Awtorita ntimata xorta wahda kellha rwol deciziv fil-process, tant illi t-talba tar-rikorrenti lanqas biss waslet quddiem il-Parlament ghaliex ma tressqitx risoluzzjoni sabiex l-art proprjeta taghhom tiddahhal fiz-zona tal-izvilupp. Il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk, illi l-gudizzju ma jistghax ikun intergu minghajr il-partecipazzjoni tal-Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar f'dawn il-proceduri, fid-dawl tal-fatt illi jirrizulta li d-decizjoni finali kienet necessarjament ibbazata fuq ir-rakkomandazzjoni ghal rifjut tal-Awtorita ntimata.*"

Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz ukoll, il-gudizzju ma jkunx integru minghajr il-partecipazzjoni tal-MEPA galadarba jirrizulta car mix-xhieda ta' Oliver Magro illi d-decizjoni finali kienet ibbazata fuq il-proposti tal-MEPA. Ghalkemm huwa minnu li d-decizjoni finali ma kienetx tal-MEPA, xejn ma jnehhi mill-fatt illi l-MEPA kellha impatt sostanzjali fuq il-*flood relief project* galadarba kienet hi li kellha l-funzjoni u l-poter li tressaq il-proposta quddiem il-Parliament ghal eventwali approvazzjoni tal-Ministru.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni preliminari tal-MEPA qed tigi michuda.

Il-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, il-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u l-Ministru ghat-Turizimu, Kultura u Ambjent eccepew preliminarjament illi m'humiex il-legittimi kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jipprovdi illi:

> "[i]*l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni...*"

Skont il-gurisprudenza tal-qrati taghna rigward l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 181B, dan l-artikolu ma jfissirx illi awtomatikament l-Ministru responsabbli ma jista' qatt ikun il-legitimmu kontradittur f'azzjoni gudizzjarja. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Melita Cable p.l.c. vs Il-Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq et** deciza mill-Qorti tal-Appel intqal deciza fis-6 ta' Frar 2015 illi:

> "[q]*ed jigi sottomess illi la darba l-awtoritajiet governattivi u dawk li jirregolaw lkomunikazzjoni huma parti fil-kawza, ma hux mehtieg il-prezenza tal-Ministru koncernat. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. L-avviz legali in kwistjoni inhareg mill-imsemmi Ministru, u huma it-termini ta' dak l-avviz legali innifsu li qed jigu attakkati b'din il-procedura, u mhux il-hdim tal-istess avviz legali. L-awtoritajiet l-ohra jista' jkollhom interess peress illi huma implimentaw il-ligi, pero`, xorta wahda hemm bzonn li l-gvern ikun fil-kawza, l-aktar meta tqis illi huwa l-gvern li intrabat bit-trattat tal-Unjoni Ewropea li jara li l-ligijiet li jippromulga jkunu konformi mad-direttivi u r-regolamenti tal-istess Unjoni*."

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **George Falzon vs Ministeru ghal Affarijiet Rurali u l-Ambjent et** din il-Qorti diversament presjeduta kienet tal-opinjoni illi l-Ministru koncernat kien il-legittimu kontradittur nonostante dak provdut fl-Artikolu 181B ghaliex:

> "*...minn qari tal-ligijiet in kwistjoni specjalment il-Kap 437 u cioe' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji li r-responsabbita' dwar l-istess servizzi jirrisjedi sia fid-Direttur u sia fil-Ministru. Fil-fatt l-artikolu 48 tal-Kap. 437 jipprovi li d-Direttur ghandu, inter alia, ikun il-konsulent ewlieni tal-Gvern dwar kull haga li ghandha x'taqsam mas-sahha pubblika ta' l-annimali jew dik veterinarja jew li jkollha x'taqsam, jew tkun konnessa mas-servizzi veterinarji tas-sahha u ghandu jirrapporta perjodikament lill-Ministru. Ma dan jinghad ukoll*

*li l-Ministru bis-sahha tas-setgha moghtija bl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent hareg ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Problemi ta' Sahha li jolqtu il-Produzzjoni u t-Tqeghid fis-Suq ta' Laham ta' Tjur Frisk liema regolamenti gew invokati meta l-attivita' tal-attur giet sospiza fis-sena 2004 (u cioe' wara li kienet infethet din il-kawza).*"

Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Prim'Imhallef Emeritus Dr. Joseph Said Pullicino fil-kwalita tieghu ta' Ombudsman Parlamentari vs Il-Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 2015 gie rrilevat illi:

"[f]*il-fehma tal-Qorti l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali ġie mħarrek korrettament u huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri peress li mill-atti tal-kawża jirriżulta b'mod ċar li kien taħt id-direzzjoni tal-istess Ministru u fuq struzzjonijiet maħruġin minnu li ttieħdet id-deċiżjoni li l-Ministeru tiegħu...*"

F'dan il-kaz jirrizulta mix-xhieda ta' Oliver Magro illi d-decizjoni finali rigward il-pjan lokali u il-*flood relief system* kienet f'idejn il-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Ghalhekk, u fid-dawl tal-gurisprudenza appena citata, il-Qorti hija tal-fehma li l-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali gie mharrek korettament f'dawn il-proceduri, ghaliex jekk id-decizjoni li minnha qed isir ilment kienet tal-Ministru, ghandu jkun il-Ministru li jirrispondi ghad-decizjoni tieghu f'din il-kawza.

Pero jidher ukoll li kien hemm l-involviment tad-Direttur Generali tas-Services Division tal-istess Ministru, li mix-xhieda ta' Oliver Mangro jirrizulta illi kien ukoll responsabbli ghan-*National Flood Relief Project* kif jidher mid-dokumenti ezebiti minnu a fol 91 – 92, u ghalhekk anke d-Direttur Generali Xogholijiet/Services Division ghandhom jkun parti minn din il-kawza. Pero ma saret l-ebda talba ghal kjamata in kawza tad-Direttur Generali Xogholijiet/Services Division mill-partijiet f'din il-kawza.

Il-Qorti taghraf illi, skont il-ligi, ordni ghal kjamat in kawza ta' terza persuna jista' jsir anke jekk ma jkunx hemm talba f'dak is-sens minn wahda mill-partijiet fil-kawza. Fil-fatt, l-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 al-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

***"Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-Qorti, <u>f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza</u>, tiġi msejħa f 'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill- partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba."***

Mid-dicitura ta' dan l-Arikolu, u anke tal-gurisprudenza kostanti tal-Qrai taghna, huwa car illi sejha fil-kawza ta' terza persuna tista' ssir ex officio mill-Qorti tqis illi din hija mehtiega sabiex il-gudizzju jkun integru u jigu evitati multiplicita ta' kawzi fuq l-istess mertu.[2] Tant huwa accettat fil-gurisprudenza Maltija illi l-kjamata in kawza tista' ssir ex officio mill-Qorti, illi il-Qorti Kostituzzjonali sahansitra laqghat argument illi l-Qorti ghandha dover li tordna l-kjamata in kawza ta' terza persuna meta jirrizulta illi tali kjamata in kawza tkun necessarja, u n-nuqqas tal-Qorti illi tadempjixxi dan l-obbligu jista' jwassal ghan-nullita tal-proceduri anke jekk l-ebda wahda mill-partijiet ma kienet talbet il-kjamata in kawza ta' terza persuna.[3]

Is-sentenza **Direttur Generali ta' l-Avjazzjonji Civili vs Panta Contracting Limited et** deciza **fit-18 ta' Novembru 1998** per **Onor. Imh. Raymond Pace** iddelinjat diversi principji u cirkostanzi li fihom gie amess b'success kjamat f'kawza bejn partijiet ohra :-

**1.** ***"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita tal-giudizzju, b' mod li l-presenza ta' tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-re-integrazzjoni u kompletezza tal-proceduri.***

**2.** ***Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata il- kjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta' min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru 1991).***"

2 Vide per ezempju **Vincen Agius pro e noe vs Mario Borg e,** Prim'Awla al-Qori Civili deciza 28 a' Marzu 2003.

3 **Partit Nazzjonalista rapprezentat minn Dr. Lawrence Gonzi et vs Kummissjoni Elettorali et**

L-istess sentenza osservat illi l-Istitut tal-Kjamat in Kawza gie utilizzat mill-Qrati Maltin sabiex jinkludi cirkostanzi fejn jew sabiex:

**9.jigu evitati multiplicita ta' kawzi u gudizzji: "Alfred Zammit Cutajar vs Joseph Formosa" (App.Civ. 26 ta' Gunju 1961);**

10. **tigi evitata possibilita ta' giudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifuzzjoni - "A.J.C. Barboro vs Camelo Mallia" (App. Civ. 26 t'Ottubru 1956);**

11. l-interess tal-konvenut verso terza persuna jigi protett – "Joseph Calleja vs Av. Joseph Micallef et noe" (Prim Awla. 11 ta' Marzu 1952);

**12.** ikun fl-interess ta' terza persuna u l-attur, sabiex il-giudizzju jigi osservat sew - "Anthony Cini vs Joseph Demanuele" (App.Civ. 8 ta' Frar 1946)".

Fis-sentenza **"Anthony Azzopardi et vs Calcedonio sive Donald Attard et"** deciza **mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 1997,** dik il-Qorti irriteniet**:**

> ***"Il-kjamata in kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jigi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti ghandha d-dover li tordnah".***
>
> ***"L-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista' tigi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista' jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr ma jigi kundannat jew liberat, ikun jista' jizviluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur".***

**(Vide ukoll Joseph Cassar vs George Pace pro. et. nomine deciza fis-6 ta' Ottubru 2000,mill-Qorti tal-Appell vol LXXXIV PT.II Sez.I Pt.III a fol 1169**; ***Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru.1991 ;*** **Michael Cutajar proprio et nomine Vs S.C. & Company Limited deciza fit-8 ta'Ottubru 2004 per Onor. Imh. Geoffrey Valenzia u kif ukoll Saviour Borg et. vs Joseph Degiorgio et. deciza fl-1 ta'Lulju 1999 per Onor. Imh. Raymond Pace)**

Il-Qorti hija tal-fehma illi f'din il-kawza hija necessarja l-presenza tad-Direttur Generali Xogholijiet/Services Division jew ekwivalenti, ghal integrita tal-gudizzju u dan fid-dawl tar-rwol tieghu fin-*National Flood Relief Project* li minnu qed jilmenta r-rikorrenti. Ghaldaqstant, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi d-Direttur Generali Xogholjiet/Services Division ghandu jigi kjamat in kawza f'dawn il-proceduri.

Fir-rigward taz-zewg ministri intimati l-ohra, u cioe tal-Ministru ghall-Infrasttrutura, Trasport u Komunikazzjoni u l-Ministru ghat-Turizimu, Kultura u l-Ambjent, il-Qorti tqis illi ma tressqet l-ebda prova rigward ir-rwol jew responsabbilita taghhom f'dak li minnu qieghed jilmenta r-rikorrent. Ghalhekk l-eccezzjoni taghhom tidher illi hija fondata u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi, tal- Ministru ghall-Infrasttrutura, Trasport u Komunikazzjoni u tal-Ministru ghat-Turizimu, Kultura u l-Ambjent u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u tal-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, u tordna l-kjamata in kawza tad-Direttur Generali Xogholijiet/Services Division jew ekwivalenti.

Spejjez riservati ghal-gudizzju finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**